# IR-RABTA BEJN IS-SURMAST ĠUŻEPPI CAMILLERI U L-ĦAMRUN



Il-festa Maltija hija sabiħa u mħawra, magħmula minn bosta elementi.

Dawn l-elementi magħquda flimkien u wżati tajjeb, jagħmlu mill-festi tagħna, festi sbieħ u brijużi.

Il-festa ta' San Gejtanu hi waħda mill-isbah festi ta' dawn il-gżejjer. Hi mħawra b'bosta aspetti sbieħ. Kull sena niġi għaliha u bla ma rrid meta nirfes il-għatba tal-knisja parrokkjali jiġi quddiem għajnejja s-Surmast Ġużeppi Camilleri li għal numru ta' snin kien Maestro di Cappella tal-Parroċċa tal-Ħamrun.

Għall-ġenerazzjoni Ħamruniża ta' llum, is-Surmast Camilleri ftit li xejn hu magħruf, iżda għal ġenerazzjoni li qabżet l-erbgħin sena isem dan is-Surmast hu magħruf sew.

Is-Surmast Ġużeppi Camilleri kellu rabta kbira mal-Parroċċa tal-Ħamrun. Barra li kien Maestro di Cappella huwa wkoll l-awtur tal-Antifona ta' San Gejtanu 'Quarite Primum'. Hi antifona sabiħa, melodjuża u devota li hi dehen ta' dan is-Surmast.

Rabta oħra tas-Surmast Camilleri mal-Ħamrun kien il-kor parrokkjali. Dan is-surmast kellu ħafna fiduċja fil-kor tal-Ħamrun u kemm-il darba kien jistiednu miegħu biex ikanta fis-servizzi Liturġiċi f'bosta festi titulari.

Iżda hawnhekk hu xieraq li nkunu nafu min kien is-Surmast Ġużeppi Camilleri. Ġużeppi kien wild b'talenti kbar mużikali. Nannuh Vincenzo, li għex lejn tmiem is-seklu l-ieħor kien kompożitur magħruf, prim klarinettista fl-orkestra navali u għen fil-formazzjoni ta' bosta baned. Vincenzo kellu erba' wlied fosthom Ferdinando li twieled Ħal-Luqa fl-1859. Bħala kompożitur mużikali Ferdinando irnexxa ħafna. Meta iżewweġ mar joqgħod fi Triq San Duminku tas-Sliema u hemm, fit-18 ta' Jannar 1903 twieled Ġużeppi.

Kienet ukoll din is-sena (1903) li l-Papa Piju X ħareġ il-Moto Propio li permezz tiegħu saret riforma kbira fil-mużika sagra. F'Malta qam l-inkwiet. Is-Surmast Ferdinando Camilleri ħa din l-okkażjoni u beda jikteb bosta kompożizzjonijiet li jaqblu ma din ir-riforma. Fost il-Kompożizzjonijiet li kiteb insibu l-quddiesa magħrufa 'Messa San Gaetano' li kiteb f'San Gejtanu u li ghal bosta drabi hu stess ħabbat, fil-knisja parrokkjali tal-Ħamrun.

Ġużeppi tela' f'dan l-ambjent mużikali u għalhekk hu mill-ewwel beda jixrob is-sbuħija ta' l-arti mużikali.

F'missieru Ferdinando, iż-żagħżugħ Ġużeppi sab is-Surmast li ħarġu fl-arti mużikali. Ma' missieru hu kien idur il-knejjes parrokkjali tagħna u ma missieru tkisser bħala Maestro di Cappella ta' bosta parroċċi. Meta fl-1942, miet missieru, Ġużeppi sab ruħu Maestro di Cappella ta' bosta Parroċċi. Kien fl-aqwa tiegħu, kellu 39 sena u b'ħeġġa kbira kien imexxi mużika fil-parroċċi ta' Ħal-Luqa, il-Marsa, il-Ħamrun, Ħ'Attard, il-Gudja, ż-Żurrieq, in-Nadur, is-Sacro Cuor u Stella Maris tas-Sliema, il-Mellieħa, in-Naxxar, Birkirkara, Ħal-Għargħur, l-Imsida u Ħal-Qormi.

Il-mużika tiegħu kienet tingħaraf, devota u tal-widna. Kemm kienet sabiħa il-quddiesa l-kbira li kien jagħmel fil-festi tagħna bid-daqq tat-trombi fis-Sanctus u b'dik il-melodija anġelika ta' l-Agnus Dei!!

Is-Surmast Camilleri kellu wkoll għażla kbira u sabiħa ta' kompożizzjonijiet oħra fosthom l-għanja tas-Salve Regina, il-Litanija tal-Madonna, numru kbir ta' Tantum Ergo u numru bla għadd ta' kompożizzjonijiet għas-Salmi tal-Matutin, tal-Laudi u ta' l-Għasar.

Fl-imgħoddi l-uffiċċju ta' Maestro di Cappella kien jitlob ħidma kbira. Is-surmast kien jattendi bosta drabi biex imexxi l-kant u l-mużika f'bosta okkażjonijiet fosthom fil-funerali. Is-surmast Camilleri kien ilaħħaq ma' kollox.

Barra l-mużika fil-knejjes, is-Surmast Camilleri nsibuh għal numru ta' snin bħala Surmast Direttur tal-Banda La Valette. Għadda magħha l-aqwa snin ta' ħajtu u ħalla għaliha bosta kompożizzjonijiet sbieh.

Hu kiteb bosta kompożizzjonijiet għall-banda, u fost dawn insemmu tlieta mill-isbah xogħlijiet tiegħu. Dawn huma l-innu 'Lix-Xbejba Immakulata' li ghadu jindaqq u jitkanta sa' llum fin-Naxxar, l-innu 'Fjur tal-Martri' għall-festa ta' San Gorg ta' Ħal-Qormi u l-innu marċ funebri 'Alla Memoria del Maestro Giuseppe Caruana' li sa' llum għadhu jindaqq mill-banda La Valette.

Dan il-kontribut kbir fil-qasam mużikali wassal lis-Surmast Camilleri biex ikollu kuntatti u ħidma mill-qrib ma' mużiċisti magħrufa fosthom Zondonai, Respighi, Refice u tant oħrajn.

Huwa wkoll il-kompożitur ta' l-opra lirika u sabiħa 'Monna Bianca' u wkoll tal-kompożizzjoni 'Invocation' li hu kiteb fl-1953 fl-okkażjoni ta' l-inkoronazzjoni tar-Reġina Elizabetta II.

Is-Surmast Camilleri kellu wkoll ix-xorti kbira li fit-Tijatru Orpheum il-Gżira jakkompanja bil-pjanu lil magħrufa soprana Maria Caniglia. L-esekuzzjoni tiegħu tant kienet tajba li kitbitlu personalment u faħħritu bhala pjanista professjonali.

Għalkemm imżejjen b'dawn id-doni mużikali is-Surmast Camilleri baqa' dak il-bniedem umli li jkellem u jgħallem lil kulħadd.

Il-marda kiefra li fnietu fl-aħħar snin ta' ħajtu, ma tellfitux l-imħabba tiegħu lejn il-mużika u saħansitra ftit ġimgħat qabel miet mexxa l-mużika fil-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor tas-Sliema. Miet f'Awissu tal-1976. Kellu 73 sena li l-biċċa l-kbira tagħhom iddedikahom lill-mużika.

Il-funeral kbir li sarlu fil-Parroċċa ta' Stella Maris, kien l-aqwa xhieda kemm is-Surmast Camilleri kien maħbub u rrispettat minn dawk kollha li kienu jafuh u ħadmu miegħu.

Il-Parroċċa tal-Ħamrun għandha ghax tkun kburija li għal numru ta' snin is-Surmast Ġużeppi Camilleri kien il-Maestro di Cappella tagħha.

Għandha wkoll għax tkun kburija li l-antifona sabiħa ta' San Gejtanu hija wkoll kompożizzjoni tiegħu u wkoll li missieru, is-Surmast Ferdinando, kiteb wahda mill-isbah quddisiet tiegħu f'ġieh San Gejtanu l-Padrun tal-Ħamrun.

Din ir-rabta bejn il-familja Camilleri u l-Ħamrun hi l-isbah xhieda kemm din il-familja kellha għal qalbha l-Ħamrun u lil San Gejtanu.

**Tony Terribile**